**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 296/06VG**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**Vs**

**Stephen Banavage**

**Illum 5 ta' Mejju 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjetà Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited fit-2 ta' Ottubru 2006 permezz ta' liema titlob li, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, inkluza dikjarazzjoni li Stephen Banavage huwa responsabbli ghad-danni u ghall-hlasijiet minnha pretizi, il-Qorti tikkundanna lil Stephen Banavage: (i) ihallasha dik is-somma likwidata mill-Qorti rapprezentanti danni minnu lilha kagunati minhabba imperizja u traskuragni da parte tieghu fil-kors tal-qadi tad-dmirijiet tieghu maghha; u (ii) jirrifondilha s-somma ta' elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200) – illum ekwivalenti ghal €2,795.24 – avvanzati lilu bhala *sponsorship* ghal kors professjonali in konsiderazzjoni ta' l-obbligazzjoni tieghu li jibqa' jahdem mal-kumpannija ghal perijodu sussegwenti l-konkluzjoni tat-tahrig, bl-imghax dekoribbli min-notifika ta' l-avviz sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Marzu 2006, kontra Stephen Banavage;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited li ghall-finijiet ta' kompetenza s-somma mitluba fl-ewwel u fit-tieni talba taghha, flimkien ma jeccedux is-somma ta' Lm5,000, illum ekwivalenti ghal €11,646.86;

Rat ir-Risposta ta' Stephen Banavage permezz ta' liema jilqa' ghat-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) in linea preliminari, in-nullità tal-proceduri stante li ma sarux fil-forma rikjesta mill-Ligi, u cioè b'Rikors; (ii) fil-

meritu, il-pretensjonijiet tas-socjetà attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li: (a) huwa ma rreka ebda danni lis-socjetà attrici kif già kellu l-okkazzjoni javzaha peress illi dejjem qeda d-dmirijiet tieghu bil-livell ta' kompetenza u ghaqal mitlub minnu u fi kwalunkwe kaz bhala impjegat fi grad relattivament baxx dejjem kien jahdem taht supervizjoni u minghajr diskrezzjoni sufficjenti biex ikun jista' jiehu decizjonijiet unilaterali li setghu jkunu ta' dannu lis-socjetà attrici; (b) dak li s-socjetà attrici qed tiddeskrivi bhala *sponsorship* ma kien *sponsorship* xejn kif jirrizulta minn ezami tal-kuntratt ta' impjieg; u (c) anke jekk hemm xi ammont dovut bhala rifuzjoni, liema tezi hija kontestata peress li dak li tipprova tenforza s-socjetà attrici jikkostitwixxi kundizzjoni anqas favorevoli ghalih minn dak provdut bil-Ligi, u ghalhekk null, huwa ma ghandux ibghati spejjez peress li s-socjetà attrici kienet giet mistiedna tghid fuq liema bazi qed tavvanza din il-pretensjoni taghha izda naqset milli taghmel dan u minflok istitwiet il-proceduri odjerni;

Rat l-affermazzjoni tal-konvenut fis-sens illi l-kawza odjerna ma hi xejn hlief reazzjoni ghall-fatt li huwa qed ifittex lis-socjetà attrici fil-Qorti tal-Magistrati tramite d-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi ghal ammonti dovuti lilu;

Semghet ix-xhieda ta' Noel Schembri, *Personal Assistant* tal-*Managing Director* tas-socjetà attrici, moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2007[1] u x-xhieda ta' Franco Busuttil moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' April 2008[2], rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici markati Dok. "FBS1" sa' Dok. "FBS4" permezz ta' Nota pprezentata fl-10 ta' Mejju 2007 a fol. 15 sa' 38 tal-process u semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' April 2011[3];

Rat illi waqt is-seduta tas-7 ta' Lulju 2011[4] is-socjetà attrici nghatat zmien sat-12 ta' Settembru 2011 sabiex tipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet bil-visto tal-kontro-parti, liema Nota ta' Sottomissjonijiet però qatt ma giet ipprezentata minnha;

Rat in-Nota tal-konvenut ipprezentata fis-17 ta' Frar 2012 a fol. 63 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

## Ikkunsidrat:

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, inkluza dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni u ghall-hlasijiet minnha pretizi, il-konvenut jigi kkundannat: (i) ihallasha somma li tigi likwidata mill-Qorti rappresentanti danni minnu lilha kagunati minhabba imperizja u traskuragni da parte tieghu fil-kors tal-qadi

[1] Fol. 11 sa' 13 tal-process.
[2] Fol. 43 u 44 tal-process.
[3] Fol. 59 u 60 tal-process.
[4] Fol. 61 tal-process.

tad-dmirijiet tieghu maghha; u (ii) jirrifondilha s-somma ta' Lm1,200, illum ekwivalenti ghal €2,795.24, avvanzati lilu bhala *sponsorship* ghal kors professjonali in konsiderazzjoni ta' l-obbligazzjoni tieghu li jibqa' jahdem mal-kumpannija ghal perijodu sussegwenti l-konkluzjoni tat-tahrig.

Il-konvenut jilqa' ghat-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) in linea preliminari, in-nullità tal-proceduri stante li ma sarux fil-forma rikjesta mill-Ligi, u cioè b'Rikors; (ii) fil-meritu, il-pretensjonijiet tas-socjetà attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li: (a) huwa ma rreka ebda danni lis-socjetà attrici kif già kellu l-okkazzjoni javzaha peress illi dejjem qeda d-dmirijiet tieghu bil-livell ta' kompetenza u ghaqal mitlub minnu u fi kwalunkwe kaz bhala impjegat fi grad relattivament baxx dejjem kien jahdem taht supervizjoni u minghajr diskrezzjoni sufficjenti beix ikun jista' jiehu decizjonijiet unilaterali li setghu jkunu ta' dannu lis-socjetà attrici; (b) dak li s-socjetà attrici qed tiddeskrivi bhala *sponsorship* ma kien *sponsorship* xejn kif jirrizulta minn ezami tal-kuntratt ta' impjieg; u (c) anke jekk hemm xi ammont dovut bhala rifuzjoni, liema tezi hija kontestata peress li dak li tipprova tenforza s-socjetà attrici jikkostitwixxi kundizzjoni anqas favorevoli ghalih minn dak provdut bil-Ligi, u ghalhekk null, huwa ma ghandux ibghati spejjez peress li s-socjetà attrici kienet giet mistiedna tghid fuq liema bazi qed tavvanza din il-pretensjoni taghha izda naqset milli taghmel dan u minflok istitwiet il-proceduri odjerni. Il-konvenut jikkontendi li l-kawza odjerna ma hi xejn hlief reazzjoni ghall-fatt li huwa qed ifittex lis-socjetà attrici fil-Qorti tal-Magistrati tramite d-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi ghal ammonti dovuti lilu.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik sollevata mill-konvenut bl-eccezzjoni preliminari tieghu, u cioè li l-proceduri odjerni huma nulli in kwantu ma sarux fil-forma rikjesta mill-Ligi, ossia b'Rikors.

A tenur ta' l-Artikolu 161(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta *fil-Qrati Superjuri u tal-Magistrati f'Malta u Ghawdex, il-procediment ordinarju jitmexxa b'rikors izda f'dawk superjuri ghandu jkun guramentat.* A tenur ta' l-Artikolu 171(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta *fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri, jitmexxa b'mod ta' rikors li jkun skont l-ghamla preskritta u jsir fl-ghamla ta' avviz semplici ffirmat mir-Registratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur u l-jum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher, minbarra partikolaritajiet ohra li jistghu minn zmien ghal zmien jigu preskritti* u a tenur ta' l-Artikolu 1007(1), (2) u (3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta: *(1) Fil-qrati superjuri, l-atti kollha ghandhom jigu maghmula skont il-formuli migjuba fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodici; (2) Fil-qrati inferjuri, ghandhom jitharsu, sakemm jistghu jghoddu ghalihom, il-formuli tal-qrati superjuri, billi jsir fihom dawk il-korrezzjonijiet jew tibdil li jaghmilhom jaqblu ghall-qrati inferjuri;* u *(3) Il-Ministru responsabbli ghall-gustizzja jista' b'regolamenti jemeda, jissostitwixxi jew izid mal-formuli li jinsabu fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodici.*

Meta l-formula taht l-Iskeda B relattiva ghal proceduri istitwiti quddiem il-Qrati tal-Magistrati Sede Civili, ossia l-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza inferjuri Taghha, tigi ppararargunata ma' l-att li bih is-socjetà attrici istitwiet il-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenut, jirrizluta immedjatament evidenti li l-unika differenza li hemm bejniethom hi li l-att promotur fil-proceduri odjerni jaqra "Avviz Nru. 296/06" filwaqt illi l-formula preskritta fil-Ligi taqra "Rikors Nru. ........". Mill-bqija l-att promotur u l-formula preskritta fil-Ligi huma identici u mhux biss, izda l-att promotur fil-proceduri odjerni huwa Avviz konformi ma' dak provdut fl-Artikolu 171(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghandha ghalhekk, fid-dawl tal-fatt li l-unika diskrepanza bejn l-att promotur fil-proceduri odjerni u l-formula prevista fil-Ligi ghall-fini li jigu istitwiti proceduri quddiem il-Qrati Civili ta' sede inferjuri, din il-Qorti tiddikjara li l-proceduri odjerni huma nulli? Fil-fehma tal-Qorti r-risposta ghal tali kwezit hija fin-negattiv.

L-Artikolu 789 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jittratta dwar l-eccezzjoni ta' nullità ta' atti gudizzjarji, jipprovdi li *l-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata – (a) jekk in-nullità hija iddikjarata mill-ligi espressament; (b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti; (c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-ligi wkoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat*[5]*; (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi: Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi. (2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht is-subartikolu (1)(c) ma tistax tinghata meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità.*

Mill-imsemmi provvediment tal-Ligi jirrizulta b'mod car li att giudizzjarju li jkun affett minn vjolazzjoni fil-forma mehtiega mill-Ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, jigi annullat biss kemm-il darba l-vjolazzjoni in kwistjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullità pregudizzju li ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat. B'hekk huwa evidenti li att gudizzjarju ghandu jigi annullat **biss** ghal ragunijiet gravi. In effetti huwa principju guridiku ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li *n-nullità ta' l-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta' citazzjoni ghandu jkun imwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi*[6]. Ghalkemm il-

[5] Sottolinear u enfasi tal-Qorti.
[6] Malta Development Corporation v. Paul Licari, Citaz. Nru. 489/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' April 2004.

principju appena citat jirreferi ghall-att ta' citazzjoni – illum sostitwit bir-Rikors Guramentat – il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-istess principju jista', anzi ghandu japplika ghal att promotur li bis-sahha tieghu jigu istitwiti proceduri giudizzjarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza inferjuri Taghha, fil-kompetenza civili taghhom.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-Qorti tqis li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut ma hijiex, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha. Apparte minn hekk, a tenur ta' l-Artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-poteri konferiti lilha bl-imsemmi Artikolu tal-Ligi, il-Qorti tqis li ghandha ssir korrezzjoni fl-att promotur ta' dawn il-proceduri fis-sens illi l-kliem "Avviz Nru." jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Rikors Nru." biex b'hekk l-att ikun "Rikors Nru. 296/06VG".

Trattata l-eccezzjoni preliminari tan-nullità tal-proceduri, jehtieg issa li t-talbiet attrici jigu trattati fil-meritu.

Kif già iktar 'l fuq osservat is-socjetà attrici titlob li prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, inkluza dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni u ghall-hlasijiet minnha pretizi, il-konvenut jigi kkundannat ihallasha somma li tigi likwidata mill-Qorti rapprezentanti danni minnu lilha kagunati minhabba imperizja u traskuragni da parte tieghu fil-kors tal-qadi tad-dmirijiet tieghu maghha.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien impjegat mas-socjetà attrici bhala *Senior Accounts Officer*[7] u mix-xhieda ta' Noel Schembri u Franco Busuttil jirrizulta li l-allegata imperizja u traskuragni tal-konvenut fil-qadi ta' dmirijietu bhala *Senior Accounts Officer* tirrigwarda pagament li gie effettwat minnu meta dan il-pagament kien allegatament mhux dovut u ikklassifikat bhala *don't pay*.

Fir-rigward Noel Schembri iddikjara li *l-konvenut kienu jiehu hsieb il-Creditors Ledger tal-kumpanija u meta gejna biex nippreparaw ix-xoghol ghat-Trade Fair qabbadna third party sabiex jaghmel dan ix-xoghol peress illi l-konvenut kien qieghed fuq il-kors. <u>L-ewwel sena hareg il-kont u hallasnih circa elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200). Meta gejna t-tieni sena, minflok nqabbdu l-istess kuntrattur naghmlu x-xoghol in house u ghamilna. Però l-ewwel kuntrattur baghtilna kont ghal dan it-tieni sena avolja ma konniex qabbadnih. Niftakarni car naghmel nota fuq l-invoice tieghu 'do not pay'. Xi zmien wara jiena sirt naf illi dan it-third party kien kellem lill-konvenut u kien qallu dwar il-pendenza ta' dan it-tieni kont. Jidher illi l-konvenut qallu biex jibghatlu l-invoice peress illi ma kellux quddiemu. It-third party baghtlu dan l-invoice u il-konvenut hallsu. Konsegwenza ta' dan spiccajna l-Qorti ma' dan it-third party u kellna nhallsu tat-tielet sena avolja</u>*

---

[7] Vide kuntratt ta' impjieg markat Dok. "FBS1" a fol. 16 sa' 26 tal-process.

*ma konniex qabbadnih sabiex jaghmel ix-xoghol. Ghalhekk qeghdin nitolbu bhala danni elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200) ghal darbtejn*[8]*. Meta t-third party fittex lis-socjetà attrici l-konvenut kien digà spicca mill-impjieg maghna. Jiena personalment ma kellimtx lill-konvenut fuq din il-kwistjoni*[9].

Dwar din il-kwistjoni Franco Busuttil xehed illi *l-kumpanija kienet ippartecipat f'xi fiera u kienet qabbdet kumpanija sabiex din torganizzalha l-istands u l-reklamar f'din il-fiera. Din il-kumpanija mbaghad baghtet il-kont tas-servizzi taghha u peress illi jiena deherli li dawn is-servizzi li gew moghtija ma kienux tajbin, jiena ma ridtx illi nhallas u meta jiena rcevejt il-'creditor payment voucher' minghand il-konvenut bil-kont ta' din il-kumpanija, jiena ghamiltha cara li ma rridx inhallas u ktibt "Do not pay". Madanakollu Stephen Banavage xorta hallas u swiet lill-kumpanija elf mija u erbghin lira ohra*[10].

Il-konvenut da parte tieghu kategorikament jichad li kuntrarjament ghall-istruzzjonijiet moghtija huwa ghamel tali pagament. Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-5 ta' April 2011[11] huwa ddikjara li *fir-rigward ta' l-invoice li ghamel referenza ghaliha Francis Busuttil fix-xhieda tieghu fejn ighid li jiena din l-invoice qbadt u hallastha, nghid li mhux minnu. Is-sistema kienet tahdem li jiena kont nipprepara c-cekkijiet, kont immur bihom ghand il-Financial Controller u kien japprovahom, imbaghad ic-cheque jintbaghat lid-Direttur biex jiffirmah. Jiena dak iz-zmien kont accounts office, jigifieri fuqi kelli l-Financial Controller u lid-Diretturi fuq il-Financial Controller, jigifieri jiena ghalija dak iz-zmien kelli kontrolli bizzejjed biex jara li l-affarijiet jimxu sew.*

Huwa evidenti hawnhekk illi l-Qorti ghandha quddiemha zewg versjonijiet opposti ghal xulxin dwar dan il-pagament allegatament maghmul mill-konvenut kuntrarjament ghall-istruzzjonijiet moghtija lilu. F'dan ir-rigward issir referenza ghall-principju generali li *f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawisbbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra però, il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali, fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibilità mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilità civili*[12], u issir referenza wkoll ghall-principju specifiku f'materja ta' danni, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-ewwel talba attrici hija talba ghad-danni, li *min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess*

[8] Sottolinear tal-Qorti.
[9] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2007, fol. 11 sa' 13 tal-process.
[10] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' April 2008, fol. 43 u 44 tal-process. Sottolinear tal-Qorti.
[11] Fol. 59 u 60 tal-process.
[12] Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et, Citaz. Nru. 984/94 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2004.

*att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza w effett mad-danni sofferti*[13].

Mill-imsemmija principji guridici jirrizulta ghalhekk li fil-kaz in ezami l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' l-ewwel talba attrici jinkombi principalment fuq is-socjetà attrici, oneru però li fil-fehma tal-Qorti ma giex minnha sodisfatt.

Jibda biex jigi rilevat li l-versjonijiet moghtija minn Noel Schembri u Franco Busuttil, entrambe ufficjali fi hdan is-socjetà attrici u prodotti bhala xhieda mis-socjetà attrici, ma jikkombacawx ma' xulxin. In effetti mhux talli dawn iz-zewg xhieda jaghtu versjoni tal-fatti ta' kif sehh dan l-allegat pagament kemm xejn differenti minn xulxin talli lanqas jaqblu dwar il-*quantum* tad-danni allegatament sofferti mis-socjetà attrici in quanto Noel Schembri jallega li d-dannu soffert jammonta ghal Lm2,400, ossia Lm1,200 ghal darbtejn, filwaqt li Franco Busuttil jallega li d-dannu soffert jammonta ghal Lm1,140. Fic-cirkostanzi ghalhekk ix-xhieda ta' wiehed ma tistax titqies bhala li tikkorobora ix-xhieda ta' l-iehor u fin-nuqqas ta' tali korroborazzjoni, is-socjetà attrici gie li la ressqet prova sodisfacenti ta' l-att kolpuz addebitat lill-konvenut u lanqas ressqet prova sodisfacenti tal-fatt li dak l-allegat att kolpuz ikkawzalha d-danni minnha pretizi. Fil-fehma tal-Qorti tali provi facilment setghu jigu prodotti billi jigu esebiti il-*Creditor Payment Voucher* li fuqu allegatament kien hemm miktub "Do not pay" u c-cheque/s li thallas/thallsu lit-terz u anke l-atti tal-proceduri giudizzjarji li jaghmel referenza ghalihom Noel Schembri fix-xhieda tieghu, izda li ghal xi raguni li taf hi biss is-socjetà attrici ghazlet li ma tesebihomx u minflok li tistrih biss fuq ix-xhieda, jigi ribadit mhux koerenti, ta' Noel Schembri u Franco Busuttil.

Apparte dan appena osservat, mill-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut[14] jirrizulta li ghal dak li jirrigwarda responsabilità *for control of cheque payments and petty cash*, din kienet *joint responsibility* u ghalhekk kif gustament jghid il-konvenut, huwa difficilment seta' hareg tali pagament allegatament mhux awtorizzat minghajr hadd mis-superjuri tieghu ma jinduna. Tali cirkostanza in effetti tirrendi l-esigenza ta' prova sodisfacenti da parte tas-socjetà attrici ferm iktar rilevanti.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-ewwel talba attrici ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Is-socjetà attrici titlob ukoll li l-konvenut jigi kkundannat jirrifondilha s-somma ta' Lm1,200, illum ekwivalenti ghal €2,795.24, minnha lilu avvanzata bhala *sponsorship* ghal kors professjonali in konsiderazzjoni ta' l-obbligazzjoni tieghu li jibqa' jahdem maghha ghall-perijodu sussegwenti l-konkluzzjoni tat-tahrig. Il-konvenut da parte tieghu jikkontendi li kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà attrici, il-hlasijiet avvanzati lilu ma

---

[13] Gerald Bugeja v. David Gatt, Appell Civili 1708/98 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003.
[14] Dok. "FBS1" a fol. 16 sa' 25 tal-process.

kienux *sponsorship* u fi kwalunkwe kaz dak issa mitlub mis-socjetà attrici jikkostitwixxi kondizzjoni ta' l-impjieg inqas favorevoli ghalih u kwindi nulla ai termini tal-Ligi.

Il-klawsola tal-kuntratt ta' impjieg li fuqha s-socjetà attrici tibbaza t-talba taghha ghar-refuzjoni tas-somma ta' €2,795.24 hija l-klawsola Nru. 14 dwar *Staff Training*, li tipprovdi illi *the Company reserves the right to require the Employee to undergo training courses, whether organised in house or by third parties, in any subject determined by the Company in its discretion. In any such case, the Employee shall be obliged to carefully and diligently undergo the training and successfully complete the course or examinations therein as the case may be within a reasonable period. The Employee is obliged to refund all expenses incurred by the Company in connection with his training including but not limited to the course registration fees, books, overseas trips, examination fees etc. in the event that the employment shall be terminated for whatsoever reason prior to the expiry of a period of two years that shall run from the date when the said expenses would have been incurred by the Company.*

Li din il-klawsola hija l-bazi tat-tieni talba attrici johrog ferm car mix-xhieda ta' Noel Schembri li ddikjara: *f'Novembru ta' l-2001, il-konvenut gie impjegat bhala Accounts Officer u spicca wara illi kien irrizenja hu f'Novembru ta' l-2004. L-impjieg tal-konvenut kien regolat permezz ta' kuntratt illi sar bejn is-socjetà attrici u l-istess konvenut. Fost il-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt hemm regolat perjodu ta' training ghall-istess konvenut, li huwa regolat permezz ta' l-artikolu erbatax (14). Dan l-artikolu jirreferi ghad-dritt tas-socjetà attrici illi tibghat l-impjegati taghha ghal training specjalizzat, kemm in house kif ukoll barra, bil-kundizzjoni illi l-impjegat jibqa' mas-socjetà ghal sentejn. Jekk jiddeciedi li jitlaq f'dan il-perijodu, allura l-impjegat ikollu certa obbligazzjonijiet versu s-socjetà, kif inhuwa dettat mill-istess artikolu. Naf illi il-konvenut ghamel kors ma' l-Institute of Chartered Accountants u kien sar ftehim illi meta jispicca minn dan il-kors, is-socjetà attrici kienet lesta li thallas mitejn lira Maltin (Lm200) ghal kull suggett jew module illi kien ghadda minnu l-konvenut. Kien ghamel arrangement mal-Financial Controller sabiex jiehu xi time off halli jkun jista' jaghmel dan il-kors u l-ezamijiet. Fil-fatt ghadda minn xi ezamijiet u gabilna l-ewwel kont f'Settembru ta' l-2003 ghall-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) u thallas. Fi Frar ta' l-2004 hallasna erba' mitt lira Maltin (Lm400) ghal zewg modules. Hargu zewg pagamenti ohra – f'Awwissu 2004 ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) il-wiehed. Kollox elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200). Meta l-konvenut irrizenja mill-impjieg mas-socjetà attrici, il-kors kien ghadu ghaddej. Il-kors illi kien qed jaghmel kien wiehed ufficjali u meta jispiccah jiehu l-Accountancy Degree. Meta gie biex jitlaq tlabnih jirrifondi l-ammont li konna hallasna, izda ma hallasniex*[15], kif ukoll mix-xhieda ta' Franco Busuttil illi ddikjara *il-konvenut Stephen Banavage kien impjegat maghna*

[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2007, fol. 11 sa' 13 tal-process.

*bhala accountant. F'xi zmien dana kien wera x-xewqa illi huwa jkompli bl-istudju tieghu w ahna accettajna illi naghtuh sponsorship u ffirmajna ftehim illi qieghed f'dawn l-atti a fol. 16. It-training tal-konvenut kien regolat mill-istess kuntratt permezz ta' l-artikolu 14. Il-kumpanija hallset elf u mitejn lira bhala sponsorship. Skond il-ftehim il-konvenut kellu jahdem maghna ghal zmien izda dana ma ghamlux u lanqas biss hadem in-notice period ghax irrizenja f'Novembru 2004*[16].

Mid-dokumentazzjoni esebita mis-socjetà attrici in sostenn tat-talba taghha ghar-refuzjoni tas-somma ta' €2,794.24, ekwivalenti ghal Lm1,200[17], jirrizulta li il-hlasijiet minnha lill-konvenut saru in konnessjoni ma' l-ezamijiet ta' l-MIA-ACCA, liema hlasijiet huma regolati fil-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut maghha izda mhux a tenur tal-Klawsola 14 tal-ftehim kif pretiz mis-socjetà attrici imma a tenur tal-Klawsola 4 ta' l-istess ftehim, liema Klawsola tipprovdi li: *(i) the wages payable to the Employee shall be of Four Hundred Maltese Liri (Lm400.00) per month gross payable by Bank Transfer, or in Cash, or by Cheque, at the Company's discretion, monthly in arrears. The salary shall be increased to Five Hundred Maltese Liri (Lm500.00) per month gross in March 2002. Furthermore, the employee will be reimbursed on successfully passing his MIA-ACCA exams up to a maximum of Lm100 (One Hundred Maltese Liri only) subject to presentation of Invoice/s and Certificate. Reimbursement of Exam costs is limited for a period of Five Years. A planned time-table is attached and marked Document B. (ii) the Company shall deduct from the said wages any Income Tax and Social Security Contributions to which the Employee may be liable. (iii) the Employee shall further be entitled to any cost of living increase allowed by Government to its employees if the Minister of Labour declares such increase to be applicable to all whole-time employees in terms of Section 16(1) of the conditions of employment (Regulation) Act (Chapter 135 of the 1984 Revised Edition of the Laws of Malta)*[18].

Minn din il-Klawsola huwa evidenti li ma hemm xejn provdut dwar perijodu fiss tul liema l-konvenut kien obbligat li jibqa' jahdem ghas-socjetà attrici in konsiderazzjoni tal-hlasijiet effettwati lilu u dwar eventwali refuzjoni ta' l-ammonti hekk imhallsa f'kaz li l-impjieg tieghu jigi terminat qabel id-dekors ta' tali perijodu fiss. B'hekk il-konvenut ma huwa obbligat, taht l-ebda cirkostanza, li jirrifondi lis-socjetà attrici l-ammonti mhallsa lilu a tenur tal-Klawsola 4 tal-kuntratt ta' impjieg.

Fil-fehma tal-Qorti dak provdut fil-Klawsola 14 tal-kuntratt ma jistax jigi estiz ghal dak provdut fil-Klawsola 4 u dana ghar-raguni li kieku l-partijiet kontraenti riedu li l-ammonti mhallsa mis-socjetà attrici vis-à-vis ezamijiet ta' l-MIA-ACCA jkunu rifondibbli mill-konvenut fic-cirkostanza/i determinati, kienu certament jipprovdu ghal tali eventwalità. Apparte minn hekk jidher car

[16] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' April 2008, fol. 43 u 44 tal-process.
[17] Dok. "FBS3" u Dok. "FBS4" a fol. 27 sa' 38 tal-process.
[18] Fol. 18 tal-process.

li l-Klawsola 14 tapplika fis-sitwazzjoni fejn tkun is-socjetà attrici li taghzel li tibghat lill-impjegat ghal tahrig, mentri mix-xhieda Franco Busuttil jidher car li kien il-konvenut li wera x-xewqa li jkompli l-istudji tieghu u b'hekk intlahaq ftehim – appuntu a tenur tal-Klawsola 4 – li s-socjetà attrici thallas parti mill-ispejjez involuti, originarjament l-ammont ta' Lm100 ghal kull ezami li jghaddi minnu w eventwalment mizjud ghall-ammont ta' Lm200 ghal kull ezami li jghaddi minnu[19] u ghalhekk il-kondizzjoni tar-refuzjoni f'kaz ta' terminazzjoni ta' l-impjeg certament ma tapplikax ghall-ammonti mhallsa lill-konvenut versu l-ezamijiet ta' l-MIA-ACCA.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk jirrizulta li anke t-tieni talba attrici ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Raggunta din il-konkluzzjoni l-Qorti tqis li ma ghandhiex tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut u minflok a tenur ta' l-Artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-poteri konferiti lilha bl-imsemmi Artikolu tal-Ligi, tordna li ssir korrezzjoni fl-att promotur ta' dawn il-proceduri fis-sens illi il-kliem "Avviz Nru." jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "Rikors Nru." biex b'hekk l-att ikun "Rikors Nru. 296/06VG", tilqa' l-eccezzjonijiet fil-meritu sollevati mill-konvenut u tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà attrici.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

---

[19] Fol. 34 tal-process.